MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tat-30 ta' April, 2008

Appell Civili Numru. 151/2000/2

**Anna Galea, Jeremy Salomone u Vanessa Salomone**
**Vs**
**St. Julians Band Club**

**Il-Qorti,**

**Preliminari**

Dawn l-proceduri ta’ ritrattazzjoni jirrigwardaw talba li kienet saret mir-rikorrenti quddiem il-Bord li jirregola l-Kera kontra l-intimati biex ma jgeddux il-kirja tal-fond 17 sa 21 St George’s Road, St Julians u jirriprendu pussess ta’ l-imsemmi fond u dana ghar-raguni li l-intimati kienu ssullokaw jew cedew il-fond jew parti minnu lil terzi u bidlu l-uzu tal-fond minghajr il-permess tas-sidien.

**Proceduri quddiem il-Bord li jirregola l-Kera.**

Fl-20 ta’ Gunju, 2005, il-Bord li Jirregola l-Kera ppronunzja sentenza fl-ismijiet premessi li biha t-talbiet tar-rikorrenti

kienu gew michuda u billi xi sottomissjonijiet maghmula mill-intimati ma gewx milqugha l-ispejjez baqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Proceduri quddiem il-Qorti ta' l-Appell.**

Ir-rikorrenti appellaw minn dina d-decizjoni quddiem il-Qorti ta' l-Appell u dina l-Qorti, diversament presjeduta, b'sentenza taghha tal 10 ta' Mejju 2006 kienet iddecidiet li n vista tal-kunsiderazzjonijiet minnha maghmula l-pretensjoni tar-rikorrenti (appellanti) dwar il-figura guridika ta' sullokazzjoni f' dan il-kaz in ispecje mhix accettabbli u ghalhekk cahdet l-appell u konsegwentement ikkonfermat is-sentenza appellata. L-ispejjez ta' l-appell minhabba c-cirkustanzi partikulari tal-kaz baqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Ritrattazzjoni**

Ir-rikorrenti appellanti b'rikors datat 9 ta' Awissu 2006 talbu r-ritrattazzjoni tas-sentenza imsemmija moghtija mill-Qorti ta' l-Appell a bazi ta' l-artikolu 811(e) u (i) tal-Kap 12 billi l-imsemmija sentenza applikat il-Ligi hazin u fis-sentenza hemm disposizzjonijiet kontra xulxin.

**Kontestazzjoni**

Ir-rittrattandi qed jissottomettu li l-kompitu tal-Qorti kien li hi tkun newtrali bejn il-partijiet u tapplika l-kliem tal-Ligi mentri f'dan il-kaz l-Qorti qalet li n-newtralita' ma kienitx taqbel mal-ottika taghha ta' gustizzja u ghazlet li tiskarta l-kliem tal-ligi u hadet in konsiderazzjoni l-utilita' socjali tal-kazin ritrattat. Ir-ritrattandi jikkontendu li f'dan il-kaz il-Qorti skartat jew injorat kemm il-kelma tal-ligi kif ukoll il-kriterji stabbiliti mill-Qrati taghha dwar il-figura guridika ta' sullokazzjoni. La darba l-Ligi tqis kazin ekwivalenti ghall-hanut, in-natura socjali tal-hanut ma kelliex tinkwadra ruhha fil-konsiderazzjonijiet legal ital-Qorti. Skond ir-ritrattandi din hi applikazzjoni hazina tal-ligi u fija kontradizzjoni fid-disposizzjonijiet tas-sentenza.

Ir-ritrattati wiegbu li fir-rigward ta' l-aggravju a bazi ta' l-artikolu 811(e) tal-Kap 12, il-Qorti ta' l-Appell interpretat il-Ligi, fuq il-fatti kif emersi, u fuq tali interpretazzjoni espressament tat decizjoni.

Kwantu ghal aggarvju taht l-artikolu 811(i) tal-Kap 12 ir-ritrattati jissottomettu li fis-sentenza ma jidher imkien li hemm xi disposizzjonijiet kontra xulxin. Wiehed ma jistax jislet bran minn sentenza isolatament mill-kontest tieghu u imbaghad johloq argument favurih.

**Konsiderazzjonijiet**

**811(e) Applikazzjoni hazina tal-ligi**

L-Artikolu 811 tal-Kap 12 jiddisponi li "*Kawza deciza b'sentenza moghtija fi grad ta' appell tista', fuq talba ta' wahda mill-partijiet li jkollha interess, tigi ritrattata, wara li qabel xejn tigi mhassra dik is-sentenza*"

u, fis-subinciz (e) ta' l-istess artikolu nsibu bhala wahda mir-ragunijiet ghar-ritrattazzjoni

"*jekk is-sentenza tkun applikat il-ligi hazin;*".

B'titolu ta' kjarifika ghall-kawzali imsemmija fil-paragrafu (e) il-ligi tispjega li meta titressaq talba ghar-ritrattazzjoni bazata fuq dan aggravju ghandu

"*jitqies li kien hemm applikazzjoni hazina tal-ligi, <u>fil-kaz biss</u> li d-decizjoni, meta l-fatt kien tassew kif stabbilit fis-sentenza attakkata, ma tkunx skond il-ligi, basta li l-kwistjoni ma tkunx dwar interpretazzjoni ta' ligi, li fuqha l-qorti tkun espressament tat decizjoni.*"

Inoltre fil-kuntest ta' din il-kawzali mressqa bhala raguni ghal talba ta' ritrattazzjoni nsibu li l-Artikolu 816 tal-Kap 12 jrid li

"*meta r-raguni* (ghar-ritrattazzjoni) *hija l-applikazzjoni hazina tal-ligi, l-attur ghandu jsemmi l-ligi li kien imissha giet applikata.*"

Ghalhekk hemm lok ghar-ritrattazzjoni taht l-artikolu 811(e) meta fuq il-fatti li jirrizultaw pruvati, l-Qorti tapplika artikolu tal-ligi minflok iehor li kellu proprjament jigi applikat. Izda ma hemmx lok ghar-ritrattazzjoni meta l-Qorti tapplika l-artikolu korrett tal-ligi u taghti interpretazzjoni tal-artikolu tal-ligi applikabbili ghal fatti kif jemergu fil-kaz. Dina l-Qorti ma tistax terga tezamina mill-gdid il-fatti u tinterpretahom mill-gdid.

Fil-kaz in ezami l-Qorti ta' l-Appell ezaminat l-kwistjoni involuta u ccentrat il-principji mportanti ta' dritt li jiggvernaw kazijiet tax-xorta kontemplati u l-ligi applikabbili. Il-Qorti imbaghad ghaddiet biex tezamina jekk kazin ghandux jircievi l-istess trattament bhal hwienet ordinarji in kwantu ghad divjiet li jippreciza l-artikolu 9 tal-Kap 69. Il-Qorti a bazi ta' gurisprudenza li ghamlet riferenza ghaliha u wara li tat l-interpretazzjoni taghha ta' l-artikolu applikabbili tal-ligi waslet ghal konkluzzjoni li, fuq il-fatti kif emersi fejn il-kazin il-kwistjoni kien dejjem bar cum restaurant, hi ma setghetx tirravviza kuntratt ta' sullokazzjoni vera u proprju izda kuntratt sui generis li ghandu regoli pekuljari ghalih.

Il-Qorti f'dan il-kaz ma applikatx xi disposizzjoni ohra tal-ligi minflok id-disposizzjoni li kellha proprejtament tigi applikata imma applikat il-ligi li tapplika ghall kaz in ezami u tat l-interpretazzjoni taghha. Ir-ritrattandi mhux qed jallegaw li kellha tigi applikata xi disposizzjoni ohra tal-ligi imma li l-ligi li giet applikata mill-Qorti giet applikata hazin. Dana pero' ma jaghtix lok ghar-ritrattazjoni. Ghalhekk meta l-Qorti ta' l-Appell iddecidiet bil-mod kif iddecidiet ma kienx hemm vjolazzjoni tal ligi espressa imma interpretazzjoni u applikazzjoni tal-ligi applikabbili li pero' skond ir-ritrattandi giet applikata hazin.

**Artikolu 811(i) tal-Kap 12 - Disposizzjonijiet kontra xulxin**

Kwantu ghal aggarvju taht l-artikolu 811(i) tal-Kap 12 ir-ritrattandi jibbazaw l-ilment taghhom fuq il-fatt illi , "*Il-Qorti (ta' l-Appell) tghid illi jekk tkun newtrali u thares biss lejn il-*

*kliem tal-ligi, ghandha ragun parti izda mehud in konsiderazzjoni l-utilita' socjali tal-kazin intimat, dan ir-ragun jghib u jintilef"*

Jekk wiehed jezamina x'qalet ezattament il-Qorti ta' l-Appell jirrizulta li ma hemm xejn kontradittorju jew konfliggenti fid-disposizzjoni tas-sentenza u li l-Qorti ma kienitx qed tillimita ruhha biss ghal utilita socjali ta' kazin.

Il-Qorti ta' l-Appell ippremettiet fil-konsiderazzjnijiet taghha li **a prima vista, u minn ottika kemmxejn wahda newtrali zzejjed** ir-risposta ma tistax hlief tkun fin-negattiv.(emfasi tal-Qorti).

Il-Qorti ta' l-Appell pero' tkompliet li **fil-kumpless,** u ghalhekk mhux aktar a prima vista u minn lenti newtrali zzejjed, wiehed ma jistax, u ma ghandux, jinjora ghal kollox ic-cirkostanzi valevoli hafna ta' dik l-utilita` socjali, **guridikament rilevanti** u ben notorja, li hi realizzata mill-Kazini f'pajjizna, hekk diretta ghal konsegwiment ta' operazzjonijiet socio-ekonomici ben affermati u, allura wkoll, ta' interessi meritevoli ta' tutela fl-ordinament guridiku.

Il-Qorti ta' l-Appell ma kienitx se taghmel gustizzja a bazi ta' ghazla soggettiva mhux bazata fuq kriterji oggetti fil-ligi imma a bazi ta' fatti guridikament rilevanti u meritevoli ta' tutela fl-ordinament guridiku. Dawn kollha wasslu ghall decizjoni tal-Qorti f'direzzjoni wahda, cjoe ghall cahda tat-talbiet tar-ritrattandi billi l-pretensjoni taghhom dwar il-figura guridika tas-sullokazzjoni ma kineitx, fl-interpretazzjoni tal-Qorti, accettabili. Kif inhu risaput il-kontradizzjoni fis-sentenza trid tirrizulta fid-dispositiv tas-sentenza u mhux fil-konsiderazzjonijiet li l-Qorti taghmel. Il-kontradizzjoni trid tkun tax-xorta li tippregudika l-esekuzzjoni tas-sentenza in kwantu toffuska d-decizzjoni tal-Qorti u taghmilha *pro tanto* inezegwibbli. (Ara App S Testaferrata Moroni Viani et vs D. Vella et 24/9/2004).

Il-Qorti ta' l-Appell hadet in konsiderazzjoni u tat importanza l-arrangamenti li saru li kienu jservu principalment u preponderantement il-htigijiet u l-interessi

tas-socji. Inoltre osservat li l-kazin zamm il kontrol effettiv biex jassigura l-adempiment shih mill-gestituri tal-pattijiet konvenuti u meta kien hemm xi nuqqas dan gie rettifikat, u ghalhekk il-Qorti waslet ghall konkluzzjoni li ma rravvisatx vera u proprja sullokazzjoni.

**DECIZJONI**

Ghall dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi l-kawza
billi tichad it-talba tar-rikorrenti ritrattandi ghal smigh mill-gdid tal-kawza ghar-ragunijiet minnhom dedotti,
bl-ispejjez kontra taghhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------